# LI KIEKU . . .

*Ta' JOSEPH C. SCIBERRAS*

Li kieku bħal aħwa
inħobbu 'l xulxin
ħajjitna ngħixuha
wisq aktar henjin.

Li kieku mid-dinja
jinqered il-ġlied
issaltan l-imħabba
u ngħixu fil-kwiet.

Li kieku kull għani
igħin lill-fqajrin
ixerrdu dmugħ inqas
l-ulied imsejknin.

Li kieku minn fostna
inwarrbu kull qerq
inkunu lill-ħażen
tajnieh daqqa fl-għerq

Li kieku minn qalbna
inkeċċu l-kburija
żgur nieqfu nitlewmu
fuq l-iċken ħmerija.

Li kieku min jaħdem
jiftakar fil-qiegħed
minn fommu t-tgergira
bil-ħeffa titbiegħed.

Li kieku li jonqsu
jiftakru r-rjus kbar
ma tkunx imġibthom
imqita maż-żgħar.